**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 374/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Wayne Mallia**
**(ID 0282888(M))**

**Illum: 15 ta' Mejju 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Wayne Mallia** ta' 34 sena, iben Carmelo u Amalia nee` Caruana, imwieled nhar il-11 ta' Ġunju 1988 ġewwa l-Pieta` u residenti ġewwa 'Deluxe' Flat 1, Triq il-Kanun, Qormi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0282888(M);

Akkużat talli fil-11 ta' Mejju 2023 u fil-ġranet u fil-ġimgħat ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u/jew psikoloġika u/jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli tagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impieg għad-detriment ta' l-eks sieħba tiegħu u ċioe` **Lindsay Micallef**;

2. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra **Wayne Mallia** a benefiċċju ta' **Lindsay Micallef** u l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuna ta' **Lindsay Micallef** u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Wayne Mallia** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 *et seq* tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba in oltre sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tordna lill-imsemmi **Wayne Mallia** sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat **Wayne Mallia** wieġeb illi ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wara li ngħata żmien xieraq għal din it-tweġiba;

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat illi waqt l-istess eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat **Wayne Mallia** wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan wara illi ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat **Wayne Mallia** għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, kif ukoll illi huwa kkopera bis-sħiħ mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha. Qieset ukoll il-fedina penali tal-istess imputat li mhijiex waħda allarmanti. Qieset in oltre in-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll illi l-Prosekuzzjoni mhijiex tinsisti dwar piena karċerarja effettiva. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun iżjed għaqli li l-imputat jiġi segwit minn Uffiċjal tal-*Probation* sabiex jindirizza l-problemi li għandu, b'dan ukoll għalhekk illi inċidenti simili ma jerġgħux jirrepetu ruħhom.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 202(h)(v) u (vi), 202(j), 251(1), 251H(a) u (b), 251HA u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Wayne Mallia** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, iżda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħdu taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien sentejn u sitt xhur mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni hawn annessa, liema Ordni għandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Lindsay Micallef (ID 0174385(M)), qegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-ħati, favur l-istess Micallef, permezz ta' liema huwa qed jiġi projbit milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-istess Lindsay Micallef u milli jikkomunika magħha. Tali Ordni għandha tibqa' fis-seħħ għal żmien sentejn u nofs mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu tal-Ordni tal-*Probation,* jew jekk jonqos milli jsegwi xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-istess Ordni.

Il-Qorti wissiet ukoll lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikser l-Ordni ta' Trażżin maħruġa fil-konfront tiegħu.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

Tordna wkoll komunika tal-Ordni ta' Trażżin lill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 412Ċ(6) tal-Kodiċi Kriminali.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u dan stante illi ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri.

Tordna wkoll id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma, kif ukoll ta' isem il-ħati sabiex tipproteġi l-identita` tal-vittma.

Ai termini tal-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, tordna in oltre illi fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur